# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 t'Ottubru 2021**

**Talba Nru: 218/20 CZ**

**Patricia Falzon ezercenti l-kummerc 'Perfect Weddings'**
**vs.**
**Christian Dalli**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici prezentata fit-23 ta' Settembru 2020 li biha premettiet:

1. Illi l-esponenti hija *wedding planner* u kienet inkaraigata mill-koppja Shazia u Nithin Anilkumar sabeix torganizza t-tieg taghhom, li sehh gewwa Malta, fis-6 t'Awwissu 2019;
2. Illi l-koppja xtaqet fjuri vjola, maghrufa bhala 'cadbury purple flowers' ghat-tieg imsemmi u ghalhekk l-esponenti ordnat il-fjuri minghand l-intimat li min-naha tieghu baghat quote u kkonferma l-ordni, izda qatt ma informa lill-esponenti li dawn setghu itebbghu il-hwejjeg;
3. Illi rriziluta li ll-istess fjuri tebbghu il-libsa tal-gharusa, kif ukoll l-ilbies tal-bridesmaids, il-basktijiet taghhom, kif ukoll is-suits tal-irgiel;
4. Illi l-koppja u b'mod specjali l-gharusa hasset stress u ansjeta' kbira dak il-hin li ndunat bit-tbajja, u matul it-tieg kienet konxja hafna ta' kif kienet qieghda tidher, specjalment billi kellha tebgha kbira fuq il-libsa bajda taghha (ara ritratt anness u mmarkat Dok. X) billi din it-tebgha kienet l-ewwel haga li tolqot l-ghajn malli wiehed jara l-gharusa;
5. Illi sabiex tnehhi t-tebgha minn fuq il-libsa taghha, l-gharusa hallset £218.50 ghad-dry cleaning (ara Dok. X1) u minkejja d-diversi interpellazzjonijiet li ghamlu tramite l-esponenti ghar-rimbors tal-istess dry cleaning minghand l-intimat, huwa baqa' inadempjenti;
6. Illi l-esponenti kienet interpellata min Shazia u Nithin sabiex thallas ukoll is-somma ta' hames mitt Euro (€500) bhala danni morali ai termini tal-Kap. 378 tal-Ligijiet ta' Malta. Sabiex l –esponenti ma tehilx aktar spejjez tikkontesta l-kaz li mhuwiex kontestabbli, hija ma kellhiex ghazla ohra ghajr li thallas lil Shazia u Nithin bid-dritt tar-rivalsa kontra l-intimat;
7. Illi minhabba l-limiti procedurali li jorbtu lit-Tribunal ghat-Talbiet tal-Konsumatur, l-esponenti ma kinitx permessa tipprocedi gewwa tali forum kontra l-intimat u ghalhekk kella ssir din il-kawza ghar-rivalza konrtra l-intiamt
8. Illi minhabba l-limiti procedurali li jorbtu lit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, l-esponenti ma kinitx permessa tipprocedi gewwa tali forum kontra l-intimat u ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghar-rivalsa tas-somma mhallsa lill-koppja gewwa dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti umilment titlob sabiex dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jikkundanna lill-intimat ihallas lill-esponenti s-somma ta' €740.72 bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

Ra r-risposta prentata mill-konvenut imressqa fil-15 t'Ottubru 2020 li bija eccepixxa:

Illi l-intimat ikabbar u jbiegh il-fjuri li ilu jahdem fil-qasam tal-fjuri minnmindu kien zghir flimkien ma' missieru. L-intimat joffri ghall-bejgh fjuri ta' kuluri mhux naturali permezz ta' spray adattat speficikament ghall-istess fjuri u dan huwa meqjus bhala haga kommuni hafna specjalment ghall-klijenti tat-tigijiet.

Ir-rikorrenti bhala wedding planner ordnat il-carbury purple flowers minghand l-intimat ghat-tieg tla-klijenti taghha u bhalma jaghmel kull darba, l-intimat uza l-ispray adatta u ordnat ghall-fjuri.

L-intimat ilu jaghti dan is-servizz ta' fjuri kuluriti kif jixtiequ l-klijenti ghal numru kbir ta' snin u qatt ma kellu problemi bihom (Dk. CD 1).

L-intimat minkejja li ma kellux informazzjoni dwar x'gara mill-furi war li telqu mill-pussess tieghu, tefghux hafna ilma fuqhom ecc., hass li kellu l-obbligu li jirrimedja ghal dak li sehh.

Mill-korripondenza jirriuzlta li l-koppja l-ewwel talbet li ma jhallsux ghall-bukkett tal-gharusa (Dok. CD2) u wara li raw li l-intimat qed jikoopera ziedu fit-talbiet, uhud kompletament irragonevoli sahansitra abbuzivi, kaz tipiku ta' appetito vien mangiando;

Illi minkejja li l-koppja talbet aktar minn dak originalment mitlub, l-intimat accetta, senjatament biex ma jhallsx il-flus tal-fjuri kollha ordnati ghal dan it-tieg. Evenwalment din ir-rieda tajba, aktar minn dak necessarju, ma giex milqugha u ircieva aktar talbiet (Dok. CD 3);

Illi jirrizulta li l-fatti kif esposti ma jirriflettux il-verita' kollha kif se jirrizulta waqt il-gbir tal-provi;

Illi hija l-prassi komuni li wiehed jiehu l-libsa ta-ttieg ghand id-dry cleaners wara l-avveniment u b'hekk il-koppja Anilkumar ma hadux il-libsa d-dry cleaners semplicement minhabba t-tebgha li kien hemm, imma haduha d-dry cleaners biex inaddfuha minn gewwa u barra. Ghaldaqstant l-intimat m'ghandux ghalfejn ihallas ghall-ispejjez li kienu se jintefqu xorta wahda, l-istess jinghad fuq l-ibies tal-bridesmaids u l-ilbies tal-irgiel;

Illi l-attrici m'ghandhiex dritt ghal kumpens ghal danni morali peress li hi stess mhix dik affetwata mill-prova dejjem minghajr pregudizzju jekk ghandux dritt fil-ligi ghal tali danni [sic].

Ra l-affidavit tal-attrici[1], Stephanie Caruana[2], Anaïs Aimé[3], il-konvenut[4] u Carmel Dalli[5] u sema' x-xiehda ta' Shaziah Miah[6] u Odette Vella[7].

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazjoni.

Ra illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidra:

---

[1] Fol. 22 u kontro-ezami a fol. 90
[2] Fol. 40
[3] Fol. 50
[4] Fol. 72 u kontro-ezami a fol. 82
[5] Fol. 80 u kontro-ezami a fol. 87
[6] Fol. 52
[7] Fol. 57

Illi l-attrici taghmel xoghol ta’ pjanar tat-tigijiet, u l-konvenut gie inkarigat sabiex iforni fjuri ta’ kulur vjola ghat-tieg ta’ koppja klijenti taghha, liema fjuri kellhom jigu mizbugha sabiex jigu tal-kulur li xtaqet l-attrici.

Illi gara illi dawn il-fjuri tebbghu il-libsa tal-gharusa klijenta tal-attrici, kif ukoll tal-bridesmaids u tal-irgiel.

Illi dan holoq inkonvenjent u stress lill-koppja fit-tieg u partikolarment lill-gharusa;

Illi l-attrici hallset seba’ mija u erbghin Euro u tnejn u sebghin centezmu (€740.72) lill-koppja in kwestjoni bhala danni morali u spejjez ghat-tindif tal-ilbies, u sussegwentement ghamlet din il-kawza sabiex titlob minghand il-konvenut il-flus li kienet hallset lill-koppja.

Illi t-Tribunal ra illi permezz tal-ahhar eccezzjoni tieghu il-konvenut jeccepixxi:

> Illi l-attrici m’ghandhiex dritt ghal kumpens ghal danni morali peress li hi stess mhix dik affetwata mill-prova dejjem minghajr pregudizzju jekk ghandux dritt fil-ligi ghal tali danni [sic].

F’dan ir-rigward, l-attrici fit-trattazzjoni finali ghamlet referenza ghal Artikolu 1048 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta:

> Kull min hu obbligat għall-ħsara magħmula minnħaddieħor, u jħallas dik il-ħsara, ma jistax idur kontra l-parti li kkaġunatha, ħlief meta din għandha hija wkoll twieġeb għal dik il-ħsara.

Illi ghalhekk sabiex l-attrici setghet iddur kontra l-konvenut, ried ikun hemm zewg elementi, u cioe’ l-ewwel riedet tkun obbligata ghall-hsara maghmula mill-konvenut, u t-tieni illi l-konvenut ghandu huwa wkoll iwiegeb ghal dik il-hsara.

Illi skond id-dokumenti esebiti, partikolarment dak a fol. 26, jirrizulta illi l-konvenut gharaf lill-attrici bhala l-klijenta tieghu, iktar milli lill-koppja gharajjes. Ghalhekk l-attrici bhala tali kellha dritt tazzjona kontra l-konvenut, minghajr ma necessarjament issir referenza ghall-Artikolu 1048 fuq imsemmi. Ma kienx jaghmel differenza jekk dawn il-fjuri kinux se jservu ghal tieg jew ghal okkazjoni ohra. Li jiswa hu li dawn il-fjuri gew ordnati u nxtraw mill-attrici.

Illi jiswa izda illi wiehed jara jekk il-konvenut wara kollox ghandux responsabbilta' ghall-hsara li sehhet. Kif tajjeb gie sottomess mill-konvenut, il-prova ta' hsara saret biss fil-konfront tal-libsa tal-gharusa, u mhux ukoll ta' xi lbies iehor. Iktar minn hekk pero', it-Tribunal jehtieg jara jekk kienx hemm ness bejn l-agir tal-konvenut u/jew xi hadd mill-partijiet u l-hsara li sehhet.

Ill kien sewwa maghruf illi dawn il-fjuri kienu gew sprejjati. Minn dak li xehed Carmel Dalli, il-fjuri kienu ghaddew minn process ta' spray, u wara, stennija sabiex jinxfu. Kien car illi dawn il-fjuri, li mir-ritratti jidher li kienu ward (roses) ma setghu qatt ikunu b'mod naturali b'dak il-lewn vjola kif kien jidher fir-ritratti ta' qabel saret l-ordni. Jezistu fjuri li jqarrbu b'mod naturali lejn dak il-lewn vjola skur (cadbury purple), izda zgur li mhux il-ward. Dawk li kienu ha juzaw dawn il-fjuri ghalhekk kellhom juzawhom b'kawtela, kunsidrat li anke fjuri naturali xi kultant itebbghu jew ihammgu l-ilbies, izda aktar u aktar it-tip ta' fjuri ordnati li kienu kollha kemm huma sprejjati.

Illi t-Tribunal iqis illi l-fatt illi l-konvenut accetta illi ma jsirx hlas ghal dawn il-fjuri huwa diga' iktar minn bizzejjed bhala rimedju, kunsidrat illi ghat-Tribunal il-konvenut ma kienx jahti ghat-tbajja lamentati. F'dan l-incident, it-Tribunal jara li kien hemm ammont ta' kontributorjeta' min-naha tal-gharusa u l-bqija tal-persuni li uzaw dawn il-fjuri, fis-sens illi dawn ma setghux liberament ihakkuhom mal-hwejjeg kif jidher li gara f'dan il-kaz, u mbaghad wara jintalbu d-danni li gabuhom huma stess. Ghalhekk

it-Tribunal iqis li l-konvenut m'ghandux jinzamm responsabbli la ghal hsara morali u lanqas ghal tindif tal-hwejjeg in kwestjoni.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ahhar eccezzjoni tal-konvenut, jilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tieghu, u ghalhekk jichad it-talbiet tal-attrici. L-ispejjez u drittjiet ta' din il-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-attrici.

**Dr. Claudio Zammit**

**Ġudikatur**

Susanna Fenech

Deputat Reġistratur